**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 117/2024/2**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Zahra**

**Illum, 24 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-appellanti **Joseph Zahra** u ċioè talli:

1. Nhar id-9 ta' Jannar 2024 bejn is-sagħtejn u tlieta ta' wara nofsinhar u/jew fil-ħinijiet ta` qabel, ġewwa l-Bini tal-Qorti, Il-Belt Valletta, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta 'xorta oħra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigati skond il- liġi minn servizz pubbliku u cioe' SM 043 Paul Dimech, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghtiija skond il- liġi mill-awtorità kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inġurja, hedded u/jew għamel offiża fuq il-persuni tas- SM 043 Paul Dimech, persuna inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta 'dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċidiv a terminu ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tas- SM 043 Paul Dimech jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 3 ta' Marzu 2025, fejn filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, sabitu ħati tat-tieni w it-tielet imputazzjoni u kkundannatu għal piena ta' erba' (4) xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel f' arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ. Inoltre l-Qorti kkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€3,000).

Finalment u fuq talba tad-difiza, il-Qorti tissoleċita lil Criminal Records Office fi ħdan il-Pulizija Eżekuttiva sabiex ikun assigurat li l-fedina penali tal-imputat tiġi emendata sabiex jiġi assigurat li ma tkomplix turi reati li jappartjenu terz bl-istess isem, li f'dan il-każ jidher li hu missier l-imputat. L-ewwel qorti ziedet tghid li d-difiza kellharaġun tqajjem l-ilment tagħha fir-rigward tenut kont li fol.11-12 tal-fedina penali esibita tirreferi ghal-reati li suppost wettaq l-imputat waqt li kien qed isuq karozza tal-linja u dan meta kellu biss bejn għaxar (10) snin u sbatax (17) il-sena u ċioe fis-snin 1963-1970.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti **Joseph Zahra** intavolat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Marzu 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

- Thassar, tirrevokaha u tannulla s-sentenza appellate in kwantu l-appellant instab hati tl-akkuzi fil-konfront tieghu u, fil-kaz li dina l-Qorti tikkonferma l-htija ta’ l-appellant that dawn l-imputazzjonijiet kollha jew uhud minnhom, li tvarja l-piena nflitta, ghal piena ohra anqas harxa skond il-ligi.

L-aggravji huma cari u manifesti;

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta' apprezzament zbaljat tal-ligi kif ukoll tal-provi li tressqu quddiemha, u b'hekk jinterpona dan l-appell ai termini tal-Artikolu 413(1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Illi primarjament l-appellant qed jibbaza dan l-appell fuq konvinzjoni tieghu li l-persuni li hu mdawwar bihom, partikolarment persuni ta' awtorita', qed jagixxu bi pregudizzju fil- konfront tieghu u qed jaghmlu hilithom kollha sabiex jipprovokaw reazzjoni negattiva da parti tieghu, biex b'hekk hajtu ssir cirku vizzjuz ta' akkuzi u pieni. Jinghad ukoll illi 1- appellant jemmen illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali naqset milli tiehu konjizzjoni ekwilibrata tal-provi migjuba stante li l-istess Qorti tat piz konsiderevoli lix-xhieda li ngabet kontrih izda njorat l-evidenza favurih.

- Illi l-appellant qieghed ukoll jibbaza dan l-appell fuq il-piena li huwa nghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u cioe' piena ta' prigunerija ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva u multa ta' tlett elef Ewro (€3000). Il-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali hija wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghall-ghemil ta' l-appellant;

- Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs. Tarquin Vella** nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), din il-Qorti rriteniet illi l-gustifikazzjoni tal-piona fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jiġifieri l-effett: (a) Retributtiv; (b)Preventiv; u (c) Riedukattiv jew Rijabilitattiv tal-piena.

> "*L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-ħsara bil- kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jagħmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-pači u trankwillita' sočjali.*

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minħabba l-biża li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż. L-effett preventiv għalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-lehor ta' natura speċjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il- piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerġa jahsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l- Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l- pleni ma jiġux applikati birrigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk

tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi.

Dan-iwassal-ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza konsegwenzi nefasti. ghali interessi tal-istess kollettivita' l-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikači mehtieg ghall-etisteren pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqriant fuq l-aspett tal-ħtija specifika tal-hati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan i-aspeti rifabilitattiv huwa kručjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jgħaddi minn process ta' riforma tiegħu innifsu biex jghinu jingaia' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi Jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqaz aktar ta' theddida ghas- soċjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa. F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati lada aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilitiativ u jiġi mghajjun itejjeb l-imgieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-soċjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jitviluppa 1-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoruggit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu, jkollu biex jgħix dicenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawta b'egħmilu. F'dan is-sena allura I-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm għandha effikacja repressiva";

- Illi l-appellant jissottometti wkoll illi dan l-appell sar sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wieħed jichu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha;

- Illi fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar elfejn u disgha (2009) ġie mistqarr is-segwenti:

> *"...... meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qarti sakemm dik il-plena ma tkunx manifestament sproporzjonata Jew sakemm ma jirrizultax II l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspeti partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) Il kien jincidi b'mod partikolari fuq il-plena. S'intendi, kif diga' nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wished ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita' perfetta fit- tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' tehor jew tal-plena erogata f'kzz ma' dik erogata f'kaz lehor" (enfasi mizjuda]*

- Illi jigi umilment sottomess li f'dan il-każ il-piena-nflitta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Qorti pjuttost tiffoka fuq l-element retributtiv stante li tinjora il-fatt illi l-piena ta' prigunerija ta' xahrejn (2) prigunerija effettiva u multa ta' tlett elef Ewro (€3000) pagabbli minnufih, hija eccessiva b'mod partikolari meta wiehed iqis ie-cirkostanzi tal-kaz hekk kif spjegat hawnhekk.

- Illi l-gurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tigi biex teroga piena trid tiehu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, 1- interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il- gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll,

skont kif imsemmi fis-sentenza tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

- Illi fid-dawl tas-suespost l-interessi tal-komunita jkunu salvagwardjati aktar li kieku l-appellant jinghata l-ghajnuna necessarja sabiex jindirizza l-problemi li huwa ghandu u cice nuqqas ta' hiliet sabiex ikun jista jiffunzjona fis-socjeta. Ghalkemm il-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkonkludiet illi "....minkejja il- litanija ta' sejbien ta' htija li l-fedina penali tieghu hi mtebba bihom, ma tressqet langas sentenza wahda biex jigi pruvat..." l-addebitu tar-recidiva, sfortunatament jekk 1- appellant ma jinghatax l-appogg u assistenza li hu verament ghandu bzonn, huwa ser jkompli jghix hajtu mwarrab mis-socjeta b'konsegwnezi negattivi serji ghalih, ghall- familja tieghu u ghal kull min jinteragixxi mieghu.

- Illi l-appellant umilment jissottometti li ma tressqet ebda evidenza konkreta kontrih dwar dak li allegatament sehh nhar id-disa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u erba u ghoxrin (2024) u ghaldaqstant ma nstabx il-bilanc ekwu necessarju sabiex issir gustizzja ghal dak li sehh, bir-rizultat li l-appellant inghata piena aktar harxa minn dik li kellu effettivament jiehu.

Rat ir-risposta ghall-appell tal-Avukat Generali prezentata fl-atti nhar id-9 ta’ Mejju 2025 fejn stqarr li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija koretta, il-piena li inghatat taqa’ fil-parametri tal-ligi u m’ghandheix tigi disturbata stante il-fedina penali voluminuza tal-appellant u l-karattru refrettarju tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tas 17 ta’ Gunju 2025 meta din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat,**

Fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti ghamlet appezzament hazin tal-provi prodotti u ma kienitx gusta fl-apprezzament ta' l-istess u dan ghaliex l-appellant irreagixxa ghall-isfidi ta' SM 043 Paul Dimech fil-bini tal-Qorti li fil-fehma tieghu qed jipprovokaw reazzjoni negattiva da parte tieghu u qed jaghmlu hilithom kollu l-appellant jinsab f'cirku vizzjuz ta'akkuzi u pieni.

Issa huwa ormai pacifiku li din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.4 Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi ghalhekk dinil-Qorti fliet l-atti in deamina biex tara jekk il-gudizzju ta htija dwar it-tieni u tielet akkuzi, milqugh mill-ewwel qorti kienx wiehed korrett.

Rat ix-xhieda ta **PS 2250 Amanda Bunce** moghtija nhar il-5 ta' Frar 2024 fejn kkonfemrat li irceviet rapport waqt li kienet xoghol l-ghassa tal-Belt Valletta dwar incident li kien sar nhar id-9 ta Jannar 2024 ghal habta ta 2.45p.m. Ir-rapport kien sar minn ufficcjal ta Mggurt al Habs Paul Dimech rigward theddid u insulti li saru gewwa Awla bin-numru 5 quddiem il MagistratK Evan Azzopardi fejn is-sur Joseph Zahra prezenti fl-awla kien heddu. Kien qallu l-kliem ' *jien mhux kawza niftahlek izda cimiterju niftahlek, lanqas taf kif noqtlok, niftahlek il-bieb tac-cimiterju'* waqt li beda joffendih bil-familja u beda jghajru demel. Il-kwerelant jghid li can Zahra prova ihebb ghalih ukoll bil-krozza il kien qed jaghmel uzu minnha u Zahra qallu '*kif sparajt fuq pulizija mhux ser niddejjaq nispara lilek.'*

Ikkonferma li r-rapport kien sar dakinhar stess tal-akkadut Hija pprezentat kopja tar-rapport li gie markat bhala dok AB1. Ikkonferma li fuq il-post ma kienx u ma sema xejn ghalhekk.

**Matthew Pike** xehed nhar il-5 ta' Frar 2024 stqarr li nahr id-=9 ta jannar 2024 kien qeieghed gewwa l_Qrti qed jaghmel xoghol relatat mal-jkariga tieghu u assista ghall-

incident gewwa awla numru 5 fejn kien hemm il-Mgistrat Kevan Azzopardi. Dan kien ghall-habta tl-10.30 .am Jghid li l-Magistrat kien wisih darba drbtejn tliet biex jitkecca minn l-awla  ghax beda jirrispondih Ghalhekk il-Magistrat ordna il SM 43 biex johrog lill-appellant 'l barra mill-awla u dak il-hin beda jiggieled mieghu Ikkonferma li l-appellant qal lil Maggur Paul Dimech dawn il-kliem *' jekk jeina ma iddejjaqtx nispara fuq il-pulizija ahseb u ara fuqek.'*

Qal imbaghad l-appellant beda jargumenta mal-maggur tant li anke pprova jaghtih bil-krozza li kien qed juza. Qal li ma laqtux ghax kien hu li zammu

**Paul Dimech** xehed nhar il-5 ta Frar 2024 stqar li nahr id-9 ta Jannar 2024 ghal xi hin wara nofs in-nhar ghalkemm ma kienx cert mill-hin kien fl-awla numru 5 tal Magistrat Kevan Azzopardi. Ikkonferma li kien hemm Joseph Zahra li gharaf fl-awla waqt ix-xhieda tieghu li kien prezenti quddiem il-Magistrat Azzopardi. Qal li xogholu hu li hu inkarigat mis-sigurta tal-prigunieri u jkun qed idur l-awli. Meta dahal f'din l-awla il-Magistrat wahhal disprezz lil Zahra u wara rega canfru u wara l-Magistrat talbu biex ikaxkru 'l barra. Ghenu jigbor il-karti li kellu u kif rah ha jmisslu xi karti beda jghajjat u joffendih ukoll. Il-kliem ezzat ma ftakkrux pero kien fis-sens li ma iddejjaqx jispara fuq il-pulizija mhux ser jiddejjaq jispara fuqu. Kif irnexxilu johorgu l-barra offendih u anke ried itih bil-krozzi u jheddu li ser joqtlu u bqa' jghajjat u joffendih. Qallu wkoll li kien ser jibghat in-nies ghalih ghalkemm qieghed barra.

**Mark Pavia** xehed nhar il-5 ta Frar 2024 jghid li fid-9 ta' Jannar 2024 kien fl-awla ma ufficjali ohra u kien hemm l-appellant li gharaf fl-awla. Il-Magistrat ordna darba darbtejn biex johorgu lill-appellant 'l barra mill-awla ghax beda jghajjat u jidghi. Imbaghad il-maggur 46 mislu xi karti meta mar biex jigborhomlu mill-art u qallu *' jien ma niddejjaqx nispara fuq il-pulizija ahseb u ara fuqek.'* Beda joffendih u jghidlu kliem mhux xieraq u hareg lil Joseph Zahra il barra mill-awla . Ikkonferm ali anke ried itih daqqa ta' krozza li kellu.

Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Elliot Magro** qal li nhar id-9 ta' Jannar 2024 kellu kawza quddiem il-Magistrat Kevan Azzopardi u l-imputat kien Joseph Zahra li gharaf fl-awla. Kif beda jtella ix-xhieda bhala parti mill-prosekuzzjoni Zahra beda jghajjat u jghaddi kummenti lejn ix-xhieda. Il-Magistrat widbu u wahlu disprezz ghall

komportament xejn dinjituz tieghu Hemmhekk ghamel ftit hin kalm. Meta telgha jixhed PS 661 fil-akwza rega beda jghaddi kummenti u ghal darbohra gie imwissi kemm mill-Magistrat izda anke mill-avuakt tieghu sabiex izomm il-kalma. F'hin minnhom Zahra rega gholla lehnu u qal lil Magistrat sabiex inehhi kollox minn hemm b'referenza ghad-disprezz li kien ikkundannah. Il-Magistrat ordna is-sospnsjoni tal-kawza u biex l-appellant jinhareg il-barra mill-awla. Zahra kelu xi karti mifruxin fuq il-mejda tal-awla numru 5 u baqa' ghaddej bil-kummenti u jghajjat u l-Magistrat qallu biex jerfa kollox. Beda jitkellem hazin gabar l-affarijiet u l-Magistrat ta struzzjonijiet sabiex jinhareg il barra. Kif marru l-ufficjcali tal-habs fosthom il-Maggur Paul Dimech dan beda jghidlu *'tmisnix lili tmisnix qalli tmisnix ghax naghmik.'*lil ufficcjali tal-habs qalilhom li ma iddejjaqx jispara fuq il-pulizija u ma keinx ser jiddejjaq jispara fuqhom. Qal li l-incident dam ghaddej xi kwarta. Jaf li l-ufficjal tal-habs mar jghamel rapport l-ghassa tal-Belt.

Rat ix-xhieda ta' **PS 661 Christian Grech** moghtiaj fil-21 ta Marzu 2024 u kkonferma dak kollu li qal l-ispettur Eliot Magro ghaliex dak il-hin kien fl-awla mieghu. Jghid li huwa jaf li fil-passat Joseph Zahra kien spara fuq il-pulizija.

Rat ix-xheida moghtija mill-imputat **Joseph Zahra** nhar l-20 ta' Novembru, 2024 u qal li kien fl-awla fuq kawza li kellu minhabba l-annimali tieghu u is-surgent Dimech Dimech. Qal il hu m'ghamilx ghas surgent izda ghalll ufficcjali tal-Welfare. Jghid li mhux lilu kellem hazin izda lil tal-Welfare. Qal li s-surgent m'ghamillu xejn kemm dahal hdejh u qallu *'imxi ghal barra'* Qabad il-karti tieghu u tefaghhom fil-bixkilla. Qal li fil-passat dan il-maggur ghajru li martu marret ma Anglu Pasti u ma dak u ma l-iehor u Alla hares ikunu jafu t-tfal ghax iqattghuh bicciet. Qal li anke mar mieghu jivvota iz-Zurrieq u kien keccih 'l barra mill- kamra ghax qad jara lil min ser jivvota. Huwa jichad li qatt hedded lil Magguir Dwar l-uzu tal-krozza qal li kien ser jaqa' u zamm maghha Qal li dak il-hin hass li qisu siker u beda jghid xi kliem izda mhux lil Maggur u ried jiranga bil kwiet ma tal Welfare . Qal li l-Mggur jghajru bil-kelma gurdien u beda isiktu ghaxkien qed jinsulentah Qal li lit tfal kien ighidilhomi min jinsulentah jaqbad icapcapilieu go halqu

Qal li jiddispjacih ghal dak li gara u skuza ruhu fl-awla.

Rat ix-xhieda ta' **Justin Ellul** stazzjonata ir- records office tal-habs xehed nhar il-21 ta' Jannar 2025 u qal li l-appellanti jinsab arrestat fuq dan il-kaz u kaz iehor li jikkoncerna theddid lejn ufficcjal tal-pulizija immexxi mill-ispettur Kevin Pulis. It-tieni allegat reat sar fis-16 ta' Dicembru 2022.

**Ikkunsidrat**.

Illi mill-provi ma hemmx dubbju li l-appellant gab ruhu hazin fil-konfront tal-maggur Paul Dimech nhar id-9 ta' Jannar 2022 meta kienu fil-bini tal-Qorti appuntu fl-awla numru 5. Jirrizulta b'mod sodisfacenti li l-appellant qal kliem mhux xieraq ta' theddid fil-konfront tieghu meta qallu li hu kien spara ejn il-pulizija u ghalhekk ma keinx ser jiddejjaq jispara lilu. Kif ukoll meta qallu li lilu isibu barra l konfini tal-habs.

L_ewwel qorti sabitu hati tar-reat ta' oltragg kif kontemplat fl-artikolu 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif mistqarr fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Farrugia** deciza nhar is-6 ta' Frar 2015 l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal funzjoni illi huwa jkun

qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l qadi tal-funzjoni pubblika. Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid hekk:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che 15 risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li t-theddid fil-konfront tal-maggur sar millo-impuat u dan proprju emta kien qed jaqdi id-doveri tieghu u jobdi ordni mnoghtija lilu mill-Magiustrat Kevan Azzopardi sabeix johrog il-barra lill-appellant mill-awla

ghaliex kien qed igib ruhu hazin anke mal-Magistrat. Kien hemm mumenti meta anke kien ser jaqbad ighti bil-krozza li kellu f'idu izda gie imwaqqaf. Ghalhekk l-ewwel qorti kellha ragun meta iddikajrat lill-appellant hati ta' dan ir-reat.

Fir-rigward tal-akkuza l-ohra li nstab hati taghha u cioe il-kontravenzjoni kif kontemplata fl-artikolu 338 (dd) ma hemmx dubbju li kien l-appellant li kiser il-buon ordni u l-kwiet pubbliku f'post espost ghal publiku u cioe fl-awla numru 5 meta tawwal ilsienu u kellu jigi skortat barra mis-surgent biex jieqaf.

Dwar il-piena imposta l-appellant jghid li l-piena ma hiex wahda proporzjonata konsiderando in-natura tar-reat u kontravenzjoni li instab hati taghhom u in vista tal-fedina penali tieghu din il-Qorti ghandha taghti kull opportunita lilu sabiex jibda fit-triq it-tajba u jitbieghed mill-hajja ta' kriminalita. Kif mistqarr fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta versus Owen Bonnici** tad-19 ta' Mejju 2011 deciza minn din il-Qorti diversament preseduta:

> *'...il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti (f'dan il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri) mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil limiti stipulati fil liġi uma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil fatt ingħatat.'*

Hawn dik l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) irreferiet għal sentenzi oħrajn: '**Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer** tal-4 ta' Novembru, 2009; **Il-Pulizija versus Nikola Farrugia** tat-2 t'Ottubru 2002; **Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano** 13 ta' Novembru 2003; **Repubblika versus David Vella** 14 ta' Ġunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina** tal-24 t'April, 2003.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

(a) the punishment of offenders

(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)

(c) the reform and rehabilitation of offenders

(d) the protection of the public

(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.

Illi allura min hu msejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku in generali u dan ghaliex billi l-appellant ma ghandux interess jitbieghed mill-hajja kriminali specjalment meta tara li, tezisti l-biza rejali ta' repetizzjoni tal-offizi u dan kif tixhed il-fedina penali tieghu. Il-piena imposta mill-ewwel qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u ma hemm l-ebda raguni ghaliex hija ghandha tiddipartixxi mill-piena impsota mill-ewwel Qorti specjalment in vista tal-fatt li din ma kienitx wahda lejn il-massimu taghha.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza tal-ewwel qorti fl-intier taghha kemm fir-rigward tal-mertu u anke fir-rigward tal-piena imposta. Din il-Qorti tabbraccja dak ordnat mill-ewwel Qorti li fuq talba tad-difiza, il-Qorti tissoleċita lil Criminal Records Office fi ħdan il-Pulizija Eżekuttiva sabiex ikun assigurat li l-fedina penali tal-imputat tiġi emendata sabiex jiġi assigurat li ma tkomplix turi reati li jappartjenu terz bl-istess isem, li f'dan il-każ jidher li hu missier l-imputat. Jidher li d-difiza għanda raġun tqajjem l-ilment tagħha fir-rigward tenut kont li fol.11-12 tal-fedina penali esibita tirreferi ghal-reati li suppost wettaq l-imputat

waqt li kien qed isuq karozza tal-linja u dan meta kellu biss bejn għaxar (10) snin u sbatax (17) il-sena u ċioe fis-snin 1963-1970.

Ghalhekk tordna notifika ta din is-sentenza lid Diretur tal-Facilita Korrettiva ta Kordin.

**Dr Consuelo Scerri Hererera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**